**290. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura l-Onor. Michael Refalo jipproponi:**

Billi huwa maħsub fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art (kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjeta' tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (wkoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subartikolu li trasferiment kif imsemmi qabel jista' jsir skond policy applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi hu provdut fl-Att ta' l-1992 dwar Proprjeta' ta' Entijiet Ekklesjastiċi li art akkwistata mill-Gvern skond dak l-Att tista' tiġi trasferita, fost ħwejjeġ oħra, għal ħtiġijiet ta' housing soċjali, skond kif jipprovdi l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern;

U billi l-Gvern jidhirlu li jkun soċjalment xieraq li ċenswalisti ta' fondi użati bħala residenzi ordinarji minn ċittadini Maltin li jkunu b'titolu ta' ċens perpetwu rivedibbli jew ċens temporanju għal aktar minn 30 sena għandhom jingħataw l-opportunita' li jsiru sidien sħaħ tad-dar fejn jabitaw;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li art akkwistata mill-Gvern skond l-Att ta' l-1992 dwar Proprjeta' ta' Entijiet Ekklesjastiċi kif imsemmi fil-policy li ġejja tkun tista' tinfeda u tiġi trasferita kif maħsub fl-imsemmija policy.

Policy

1. Fidi ta' Ċens Perpetwu Rivedibbli

Ċenswalist ta' fond li huwa wżat għal skop residenzjali ordinarja miċ-ċenswalist li jkun ċittadin Malti, u li għandu ċens perpetwu rivedibbli, jista' jifdi ċ-ċens perpetwu qabel id-data tar-reviżjoni li jmiss, b'rata ta' kapitalizzazzjoni ta' ħamsa fil-mija (5%) taċ-ċens, liema ċens għandu jiġi rivedut qabel ma jiġi kapitalizzat skond l-indiċi ta' inflazzjoni pubblikat għall-għan ta' l-Artiklu 13 ta' l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għas-snin qabel l-1946 jew wara l-1995 kif tirriżulta mit-tabella annessa ma' din il-policy. Fejn il-kuntratt jistabbilixxi li r-reviżjoni għandha tkun skond il-paga minima jew xi modalita' oħra din għandha ssir skond hekk.

2. Fidi ta' Ċens Temporanju ta' iżjed minn tletin sena

(a) Ċenswalist li ngħata ċens temporanju ta' iżjed minn tletin sena qabel il-21 ta' Ġunju 1979, fuq art li ġiet żviluppata f'fond li huwa użat minnu għal skop ta' residenza ordinarja u jkun ċittadin Malti, jista' jifdi ċ-ċens temporanju u jakkwista l-pjena proprjeta' b'rata ta' kapitalizzazzjoni ta' ħamsa fil-mija (5%) taċ-ċens, liema ċens għandu jiġi rivedut qabel il-kapitalizzazzjoni, billi jiġi mmultiplikat b'sitta (6).

Ma' l-ammont li jirriżulta wara l-kapitalizzazzjoni, għandu jiżdied ammont ieħor kif jidher mit-tabella ta' hawn taħt:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Lm 700 | jekk iċ-ċens jagħlaq matul il-perjodu 1996 - 2000 | | |
| Lm1100 | " | " | 2001 - 2010 |
| Lm1500 | " | " | 2011 - 2020 |
| Lm1900 | " | " | 2021 - 2030 |
| Lm2300 | " | " | 2031 - 2050 |
| Lm2700 | " | " | 2051 - 2070 |
| Lm3100 | " | " | 2070 - 2100 |
| Lm3500 | " | wara s-sena 2100 | |

(b) Ċenswalist li ngħata ċens temporanju ta' iżjed minn tletin sena fil-21 ta' Ġunju 1979, jew wara d-data, fuq art li ġiet żviluppata f'fond li huwa wżat minnu għal skop ta' residenza ordinarja u jkun ċittadin Malti, jista' jifdi ċ-ċens temporanju u jakkwista l-pjena proprjeta' bir-rata ta' kapitalizzazzjoni ta' tlieta u nofs fil-mija (3.5%) taċ-ċens, liema ċens għandu jiġi rivedut qabel il-kapitalizzazzjoni billi jiġi mmultiplikat bi tnejn (2).

Ma' l-ammont li jirriżulta wara l-kapitalizzazzjoni, kif ingħad aktar 'il fuq, għandu jiżdied ammont ieħor mit-tabella ta' hawn taħt:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Lm2000 | meta ċ-ċens jagħlaq matul il-perjodu 2010 - 2030 | | |
| Lm2500 | " | " | 2031 - 2080 |
| Lm3000 | " | " | 2081 - 2130 |
| Lm3500 | " | wara s-sena 2130 | |

(c) Ċenswalist li ngħata ċens temporanju ta' iżjed minn tletin sena fuq fond żviluppat li huwa wżat għal skop ta' residenza ordinarja minnu u minn ċittadin Malti, jista' jifdi ċ-ċens temporanju u jakkwista l-pjena proprjeta' bir-rata ta' kapitalizzazzjoni ta' sitta fil-mija (6%) taċ-ċens, liema ċens għandu jiġi rivedut sad-data tat-tmiem tal-konċessjoni qabel il-kapitalizzazzjoni skond ir-rata ta' inflazzjoni kif tirriżulta mit-tabella annessa ma' din il-policy.

Dawn il-policies japplikaw biss għal art akkwistata mill-Gvern skond l-Att ta' l-1992 dwar Proprjeta' ta' Entijiet Ekklesjastiċi.

Il-Gvern ma jkunx marbut li jippermetti l-fidi ta' ċens kif propost fis-sezzjoni 2 (a), 2 (b) u 2 (c) fejn id-daqs ta' l-ispazju abitabbli jkun ta' kejl superfiċjali (eskluż ġonna u btieħi) ta' aktar minn 270 metru kwadru.

Fejn l-ispazju abitabbli jkun ta' kejl ta' aktar minn 270 metru kwadru, it-trasferiment jew il-fidi jista' jsir miċ-ċenswalist skond dik ir-rata li ma tkunx aktar vantaġġjuża minn dik stabbilita f'din il-policy kif jista' jiġi miftiehem bejn id-dipartiment ta' l-Uffiċċju Konġunt u ċ-ċenswalist.

01.07.1996

TABELLA LI TURI L-INDIĊI TA' INFLAZZJONI BEJN IS-SNIN 1850 U 1945 (BAŻI 1946-100) GHAL SKOP TA' REDENZJONI TA' ĊENS

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1850 | 0.1 | 1902 | 14.5 |
| 1851 | 0.2 | 1903 | 15.0 |
| 1852 | 0.3 | 1904 | 15.5 |
| 1853 | 0.4 | 1905 | 16.0 |
| 1854 | 0.5 | 1906 | 16.5 |
| 1855 | 0.6 | 1907 | 17.0 |
| 1856 | 0.7 | 1908 | 18.0 |
| 1857 | 0.8 | 1909 | 19.0 |
| 1858 | 0.9 | 1910 | 20.0 |
| 1859 | 1.0 | 1911 | 21.0 |
| 1860 | 1.1 | 1912 | 22.0 |
| 1861 | 1.2 | 1913 | 23.0 |
| 1862 | 1.3 | 1914 | 24.0 |
| 1863 | 1.4 | 1915 | 25.0 |
| 1864 | 1.5 | 1916 | 26.0 |
| 1865 | 1.6 | 1917 | 27.0 |
| 1866 | 1.7 | 1918 | 29.0 |
| 1867 | 1.8 | 1919 | 31.0 |
| 1868 | 1.9 | 1920 | 33.0 |
| 1869 | 2.0 | 1921 | 35.0 |
| 1870 | 2.2 | 1922 | 37.0 |
| 1871 | 2.4 | 1923 | 39.0 |
| 1872 | 2.6 | 1924 | 41.0 |
| 1873 | 2.8 | 1925 | 43.0 |
| 1874 | 3.0 | 1926 | 44.0 |
| 1875 | 3.3 | 1927 | 47.0 |
| 1876 | 3.4 | 1928 | 49.0 |
| 1877 | 3.6 | 1929 | 51.0 |
| 1878 | 3.8 | 1930 | 53.0 |
| 1879 | 4.0 | 1931 | 55.0 |
| 1880 | 4.4 | 1932 | 58.0 |
| 1881 | 4.8 | 1933 | 61.0 |
| 1882 | 5.2 | 1934 | 64.0 |
| 1883 | 5.6 | 1935 | 67.0 |
| 1884 | 6.0 | 1936 | 70.0 |
| 1885 | 6.4 | 1937 | 73.0 |
| 1886 | 6.8 | 1938 | 76.0 |
| 1887 | 7.2 | 1939 | 79.0 |
| 1888 | 7.6 | 1940 | 82.0 |
| 1889 | 8.0 | 1941 | 85.0 |
| 1890 | 8.5 | 1942 | 88.0 |
| 1891 | 9.0 | 1943 | 91.0 |
| 1892 | 9.5 | 1944 | 94.0 |
| 1893 | 10.0 | 1945 | 97.0 |
| 1894 | 10.5 | | |
| 1895 | 11.0 | | |
| 1896 | 11.5 | | |
| 1897 | 12.0 | | |
| 1898 | 12.5 | | |
| 1899 | 13.0 | | |
| 1990 | 13.5 | | |
| 1901 | 14.0 | | |

GĦal snin bejn 1946 u 1995 japplika l-indiċi fl-iskeda li tinsab ma' l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158)

Minn 1996 'il quddiem jiżdiedu 8.5 punti kull sena fuq 536.61 (1995) jew fejn l-indiċi għas-sena rilevanti ikun ġie ppubblikat skond l-istess Ordinanza, skont l-indiċi stabbilit tal-istess Ordinanza.

**L-Onor. Michael Angelo Refalo ressaq din l-emenda verbali:**

(a) fit-tabella li hemm f'paragrafu 2 (a) tal-Policy, minflok il-kliem "Lm3100 " " 2070 - 2100" għandhom jidħlu l-kliem "Lm3100 " " 2071 - 2100"; u

(b) f'paragrafu 2 (c) tal-Policy minflok il-kliem "wżat għal skop ta' residenza ordinarja minnu u minn ċittadin Malti" għandhom jidħlu l-kliem "wżat minnu għal skop ta' residenza ordinarja u li jkun ċittadin Malti".

L-emenda verbali għaddiet f'Seduta 569 tat-Tlieta 23 ta' Lulju 1996.

*Il-mozzjoni, kif emendata verbalment fis-Seduta 569 tat-Tlieta 23 ta' Lulju 1996, għaddiet nem. con.*